

IT-TRIBUNAL GHAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tas-17 ta' Ottubru 2013 — BF vs Il-Qorti tal-Awdituri

(Kawża F-69/11) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Proċedura intiża sabiex timtela pożizzjoni ta' direttur — Rapport tal-Kumitat ta' Preselezjonji — Motivazzjoni — Assenza — Illegalità tad-deċiżjoni ta' ħatra — Kundizzjonijiet)

(2013/C 352/42)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: BF (Lussemburgo, il-Lussemburgo) (rappreżentant: L. Levi, avukat)

Konvenuta: Il-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Kennedy u J. Vermer, aġenti, assistiti minn D. Waelbroeck)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Awdituri li r-rikorrent ma jinħatarx bħala Direttur tad-Direttorat tar-Riżorsi Umani u li jinħatar kandidat ieħor għall-imsemmija pożizzjoni.

Dispożittiv

- (1) *Id-deċiżjonijiet tat-18 ta' Novembru 2010 li permezz tagħhom il-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea ħatret lil Z bħala Direttur tar-Riżorsi Umani u ċaħdet il-kandidatura ta' BF għal dan l-impieg huma annullati.*

- (2) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba tal-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea sabiex mill-proċess jitneħħew l-Annessi A 7 u A 11 tar-rikors.*

- (3) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

- (4) *Il-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea għandha tħalli l-ispejjeż tagħha u hija kkundannata tħalli l-ispejjeż sostnuti minn BF.*

⁽¹⁾ ĠU C 282, 24.9.2011, p. 52.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-11 ta' Settembru 2013 — de Brito Sequeira Carvalho vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-126/11) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Sistema dixxiplinari — Proċedura dixxiplinari — Sanzjoni dixxiplinari — Twissija — Artikolu 25 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-persunal — Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-persunal)

(2013/C 352/43)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: José António de Brito Sequeira Carvalho (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: M. Boury, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Baquero Cruz u D. Martin, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Awtorită tal-ħatra sa fejn din timponi sanzjoni dixxiplinari fil-forma ta' twissija lir-rikorrent.

Dispożittiv

- (1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

- (2) *J. A. de Brito Sequeira Carvalho għandu jħalli l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea*

⁽¹⁾ ĠU C 174, 16.6.2012, p. 31

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tat-23 ta' Ottubru 2013 — BQ vs Il-Qorti tal-Awdituri

(Kawża F-39/12) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Uffiċjal — Rapport ta' evalwazzjoni — Fastidju prikologiku — Danni — Ammissibbiltà — Termini)

(2013/C 352/44)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: BQ (Bereldange, il-Lussemburgo) (rappreżentanti: D. Abreu Caldas, S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u É. Marchal, avukati)